MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 181/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Sammut (u Sasa Torbarov) talli fil kwalita` taghhom ta' diretturi guridici tas- socjeta` TGS Co. Ltd (C20520) b'ufficju rregistrat Level 6, 21 De Tigne Complex, The Strand, Sliema u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati sabiex ihallas l-pagi dovuti naqsu li jhallsu l-pagi kollha sal-perijodu 30 t'April 2005 fl-ammont ta' (Lm971.69) dovuti lill-ex impjegat tas-socjeta` fuq imsemmija Slavisa Lapcevic fit-tmiem tal-impieg tieghu fit 30 t'April 2005.

Il-Qorti giet mitluba li tordna l-hlas lill-persuna fuq indikata l-ammont imsemmi ghar-ragunijiet fuq specifikati;

Rat il-verbal tat-8 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu l-prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjoni fil-konfront ta’ Sasa Torbarov;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Sammut hati tal-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100) u ordnat lill-istess Anthony Sammut ihallas l-ammont ta’ disa’ mija, wiehed u sebghin liri maltin, u disa’ u sittin centezmu (Lm971.69) bhala pagi dovuti lil Slavisa Lapcevic, ex-impjegat tssocjedta` TGS Co. Ltd.;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Anthony Sammutipprezentat fis-17 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fit-8 ta’ Mejju 2006, u tilliberah mill-imputazzjoni migjuba kontrieh u minn kull piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Permezz ta’ l-aggravji tieghu l-appellant qieghed bazikament jitlob li jsir apprezzament mill-gdid tal-provi. Fil-fatt huwa jsostni illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilxhiex tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni li huwa hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Jghid illi l-prosekuzzjoni waslet ghall-ammont mitlub fuq kalkoli u noti ta’ Slavisa Lapcevic (minn hawn ‘il quddiem imsejjah “il-kwerelant”) u mhux fuq dokumenti ufficjali. Jghid illi l-ammont rikjest huwa t-total ta’ (a) l-ammonti allegatament

dovuti bhala paga (mahduma fuq il-paga minima nazzjonali) sa April 2005, (b) l-ammont allegatament dovut bhala renta ta' appartament u (c) l-ammont ta' Lm200 ghal *"difference amount salary"*. Mid-dokumenti esebiti minn Ivan Spiteri Lucas, mill-ammont globali allegatament dovut lill-ex-impjegat ta' Lm2,047.97 sar tnaqqis ta' pagamenti maghmula lilu ta' Lm950 kif ukoll Lm725.20 beneficcji li rcieva l-kwerelant mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. L-appellant cahad li l-ammonti rikjesti kienu dovuti u li d-dokumenti prezentati mill-prosekuzzjoni kienu dokumenti ufficjali tal-kumpanija. Huwa pprezenta ittra ta' l-Injuries Section tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali datata 7 ta' Ottubru 2005 fejn id-Dipartiment ikkonferma illi l-kwerelant ha beneficcji ta' Lm9.80 kuljum mis-6 ta' Settembru 2004 sat-22 ta' Awissu 2005. Ghalhekk l-ewwel Qorti injorat il-fatt li l-appellant kien ha beneficcji ta' Lm9.80 kuljum sa April 2005 u t-tnaqqis li kellu jsir kellu jkun ta' Lm1144.20 u mhux Lm725.20. Ivan Spiteri Lucas fil-fatt xehed illi sar l-imsemmi tnaqqis ghax id-Dipartiment ma kellux l-informazzjoni kollha dwar il-beneficji mehuda mill-kwerelant. Kwantu ghar-renta fl-ammont ta' Lm188.92, il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li din kienet dovuta. U in kwantu l-ammont ta' Lm200 bhala *"difference amount salary"* qatt ma ssemmiet mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. L-appellant instab hati wkoll li ma hallasx il-paga ta' Settembru 2004 fl-ammont ta' Lm210, liema ammont diga` kien inkluz fl-ammont deskritt bhala *"Wages from 1st October till 31st December 2004"* peress li l-kalkolu sar fuq sbatax-il gimgha li jinkludi wkoll ix-xahar ta' Settembru 2004. Skond l-appellant, il-konkluzjoni ghandha tkun illi l-kwerelant thallas aktar minn dak li qed jallega li kien dovut lilu.

Dan kollu jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti fil-fatt semghet ix-xhieda mill-gdid u minn hemm jemergu s-segwenti rizultanzi:

**Ivan Spiteri** li jahdem fid-Dipartiment ta' l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, xehed dwar rapport li kien dahal li certu Slavisa Lapcevic kien jahdem ma' TGS Co. Ltd. fl-Isptar Mater Dei u kien wegga' waqt li kien fuq il-post tax-xoghol. Hadem mal-kumpanija bejn it-8 ta' Jannar 2003 u

t-30 ta' April 2005 meta tkecca mix-xoghol. L-ewwel *claim* li sar kien ghax kien *underpaid* skond l-FS3 tal-kumpanija u ghalhekk saret talba ghal Lm148.72 rapprezentanti Lm3.38 fil-gimgha ghal 44 gimgha. Kien hem mil-paga bejn Jannar u April li ma ttihditx amontanti ghal Lm979 u l-gimghat bejn id-9 ta' Novembru u 31 ta' Dicembru 2004 li ma kienx thallas l-ammont ta' Lm447.04. It-total kien ta' Lm1574. pero` kien ha *injury benefit* minghand il-Gvern ta' Lm725.20. Mill-kalkoli li saru dehrilna li kien ghad baqaghlu jiehu Lm372.74, il-paga ta' Settembru li kienet Lm210, parti mill-paga ta' Awissu waqt li kien gahdu fuq ix-xoghol ta' Lm200 u l-kera tal-flat li suppost jithallas ghaliha ta' Lm188.92, total ta' Lm971.69. In kontro-ezami saret referenza ampja ghad-dokumenti esibiti u gie spjegat il-kontenut taghhom. Ix-xhud qal li huwa mexa ghall-fini ta' komputazzjoni fuq il-karti li kellu hu u ghal dak li hu *injury benefit* ghall-perijodu minn Dicembru 2004 sa April 2005 ma naqqas xejn.

**Slavisa Lapcevic**, bl-assistenza ta' interpretu, xehed illi huwa kien impjegat bhala *electrician* ma' TGS Co. Ltd. Ghall-bidu ma kienx hemm problemi izda wara li wegga', waqqfuh. Ma kellux kuntratt mal-kumpanija u kien jithallas tas-sieghat. Dwar id-dokument a fol. 4 qal li l-ewwel ammont huwa c-cekk imhallas ghal flat bil-quddiem, l-ammont ta' wara huwa l-ammont imhallas bic-cekk lill-Bank of Valletta u l-ammont totali huwa l-ammont ta' salarju. Dak li hemm miktub “Basic Weekly Wage” mhux minnu ghax hu kien jithallas bis-siegha. Qal li l-ammont dovut lilu mill-kumpanija huwa ta' Lm3658.43. u sa l-ahhar ta' April 2005 Lm2258.43. L-ammont ta' Lm971.69 huwa l-ammont li l-Labour Office stabbilew li huwa dovut lilu.

**L-appellant** xehed l-ewwel b'referenza ghad-dokument a fol. 6 u qal illi kif inhu ttajpjat ghamlu hu. Id-difference in wage from January till August, il-118 hija korretta. Kienu jaghmlu *underpayment* ta' Lm3.38 u gibidlu l-attenzjoni kemm l-*accountant* kif ukoll is-Sur Spiteri Lucas u ghalhekk l-ammont ta' Lm118.30 mhumiex jikkontestawh. Is-salarji fejn ghandhom Lm949.96 mhumiex jikkontestawh lanqas izda kien hemm *typing error* min-naha taghhom fis-sens illi jridu jigu wages from

September till December 2004 mhux minn October. Mhumiex jikkontestaw lanqas l-ammont ta’ Lm979.71 rapprezentanti wages from January till April. Jigifieri l-ammont ta’ Lm2047 huwa korrett. Ix-xhud kompla jghid illi sar pagament ta’ Lm950 lil-kwerelant li kienu dovuti wara li wegga’. Meta ltaqa’ mas-Sur Spiteri Lucas, dan qallu li kien naqqas x’kien ircieva l-kwerelant mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Skond l-appellant, meta tikkalkola kemm ha mid-Dipartiment, jirrizulta illi l-kumpanija *overpaid him* ghax huwa ha mid-Dipartiment bejn Settembru u April is-somma ta’ Lm1896. Barra minn hekk fil-mument li tkellem mas-Sur Spiteri Lucas, huma kienu qed jghidu li ghandhom ihallsu Lm372 u s-Sur Spiteri Lucas kien qabel u hallew cekk fid-Dipartiment li pero` qatt ma ssarraf. Imbaghad il-kwerelant, meta gew ghall-kawza, zied Lm188.92 ghall-flat li hija fringe benefit u ma tidhol xejn u Lm200 bhala *difference amount salary* meta ma kienx hemm *retentions*. Ix-xhud qal in kontro-ezami li l-kwerelant kellu l-*minimum wage* bhala paga li kienet Lm55.88 fil-gimgha mbaghad telghet fit-2005 ghal Lm57.63. Qal illi d-dokumenti a fol. 3 u fol. 9 ma jaghrafhomx bhala dokumenti tal-kumpanija u cahad li huma tal-kumpanija ghax kieku rahom, u dan nonostante illi hemm ukoll ismijiet ta’ persuni ohra, persuni li kienu jahdmu fl-istess team tal-kwerelant. Cahad li l-kwerelant qatt kellu paga ta’ Lm500 meta kien jahdem maghhom.

Evidentement hemm konflitt sostanzjali bejn dak li qieghed isostni l-kwerelant u dak li qieghed isostni l-appellant. Wiehed jghid illi kien jithallas bis-siegha filwaqt illi l-iehor jghid illi kien jithallas il-*minimum wage*. Wiehed jghid illi huwa dovut lilu sa April 2005 l-ammont ta’ Lm2258.43, l-iehor illi gie *overpaid*. Skond Ivan Spiteri, meta saru l-kalkoli l-kwerelant kien indika li kien ghad hemm dovuti ukoll il-paga ta Settembru ta’ Lm210, parti mill-paga ta’ Awissu ta’ Lm200 u Lm188.92 ghall-kera tal-flat. Huwa veru li dwar dawn l-appellant ma jispecifika xejn izda jghid li huwa ghandu jiehu Lm2258.43 sa l-ahhar ta’ April 2005. Mill-banda l-ohra l-appellant jghid illi l-paga ta’ Settembru tinsab inkluza fil-komputazzjoni li saret kif jidher fid-dokument a fol. 6, dwar il-Lm200 differenza fl-

ammont ta' salarju jghid illi ma kienx hemm *retentions* u dwar il-Lm188.92 jghid illi dik hija *fringe benefit*.

Issa, b'referenza ghad-dokument a fol. 6 jirrizulta illi bejn dak li gie kalkolat mid-Dipartiment ta' l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, il-paga li kienet ghadha dovuta lill-kwerelant kienet tammonta ghal Lm372.77 u ma' dan l-ammont l-appellant qabel. M'hemm l-ebda dubju illi sar zball fl-imsemmi dokument billi fejn hemm indikat "Wages from 1st October – 31st December 2004 (17 weeks @ Lm55.88)" hemm zball billi l-perijodu ta' sbatax-il gimgha necessarjament jinkludi x-xahar ta' Settembru u ghalhekk il-pretensjoni ghal Lm210 mhix f'lokha. Dwar l-ammont ta' Lm200 ghax-xahar ta' Awissu ma ngabet ebda prova li dan huwa dovut. Dwar l-ammont ta' Lm188.92 l-appellant stess jghid li dan jikkostitwixxi *fringe benefit*. Skond l-artikolu 18 tal-Kap. 452, ebda haga f'dak l-Att **"ma timpedixxi l-ghemil ta' xi kuntratt minn principal ma' impjegat sabiex jaghtih ikel, post ta' abitazzjoni jew *allowances* jew privileggi ohra minbarra f'forma ta' xorb spirituz jew medicini dannuzi, b'zieda ghall-inqas pagi preskritti b'ordni ta' *standard* nazzjonali jew ordni biex jirregola settur, jew ghal paga oghla stipulata, ghal hin normali u sahra, bhala rimunerazzjoni ghal servizzi ta' l-impjegat."** Skond id-definizzjoni ta "paga" fl-artikolu 2 tal-Kap. 452, din tfisser **"rimunerazzjoni jew qligh …."** Ghalhekk ma' l-ammont ta' Lm372.77 irid jizdied l-ammont ta' Lm188.92 ghal total ta' Lm561.69. Mill-ammont li d-Dipartiment ikkalkola li kien dovut lill-kwerelant, naqqas is-somma ta' Lm725.20 rapprezentanti *injury benefit* imhallas lill-kwerelant. Mill-ittra tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali datata 7 ta' Ottubru 2005 lis-socjeta` TGS Co. Ltd. (a fol. 13) jirrizulta illi l-kwerelant thallas Lm9.80 kuljum eskluzi d-data tal-korriment (31 ta' Awissu 2004), l-ewwel tliet granet tax-xoghol, Hdud u jiem ta' festa. Dan ifisser, mis-6 ta' Settembru 2004 sat-30 ta' April 2005, 194 gurnata li bi hlas ta' Lm9.80 kuljum ifisser total ta' Lm1901.20.

Dan ifisser li, in kwantu jirrigwardaw il-proceduri odjerni, a bazi tal-mod kif saru l-kalkoli mid-Dipartiment ta' l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u l-konsiderazzjonijiet li

ghamlet din il-Qorti ebda ammont ma huwa dovut. Naturalment, kif huwa provdut fil-proviso tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 45 tal-Kap. 452, **"ebda haga f'dan is-subartikolu ma tnaqqas minn xi jedd ta' l-impjegat … li jigbor b'xi mezzi ohra kull ammont li hu jkollu jiehu."**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta u b'hekk tilliberah minn dik l-imputazzjoni u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------